MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Numru. 1133/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Richard sive Rakela Spiteri**
**Rita Agius**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Richard sive Rakela Spiteri ta’ 39 sena, bin missier mhux maghruf u Mary Rose nee’ Spiteri, imwieled il-Pieta’ fl-20 ta’ Frar, 1971 u residenti fil-font: Flt Nru. 4, ‘St. George’s house’, Triq il-Bacir, l-Imsida u detentur tal-karta tal-identita’ numru 118271(M) u l-imputata Rita Agius ta’ 53 sena, bint il-mejjet Joseph Agius u Alice nee’ Baldry, imwielda Birkirkara fl-24 ta’ Frar, 1957 u residenti

fil-font: Flt. Nru. 5, Entratura ‘B’ Triq Luigi Pisani, il-Kalkara u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 183057(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

A) Nhar id-29 t’Ottubru 2010, ghal habta ta’ l-4.30 ta’ wara nofsinhar, filwaqt li kienu fir-residenza li tinsab fil-font: Nru. 83, Triq Abram Gatt, gewwa Bormla, ikkommettew s-serq ta’ ‘choker’ bis-salib tad-deheb, liema ‘choker’ tiswa ‘il fuq minn 466 ewro ghad-detriment ta’ Carmel Galea minn Bormla, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok u dana bi ksur ta’ l-artikli 267, 268(b) u 269(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement f’Malta, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq, jew akkwistati b’reat, u xjentement b’kull mod, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom u dana bi ksur ta’ l-art. 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Lil Richard Spiteri wahdu:

C) Sar recediv ai termini ta’ l-art. 49, 50 u 289 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

D) Barra minn hekk talli kiser ordni ta’ Probation moghtija mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza nghatat fis-7 ta’ Frar, 2007 u mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza nghatat fil-25 ta’ Mejju 2010.

Lil Rita Agius wahedha:

E) Fil-lejl ta’ bejn id-29 u t-30 ta’ Ottubru, 2010 ghal habta tad-9.30 ta’ filghaxija filwaqt li kien fi Triq Abram Gatt, gewwa Bormla naqset milli thares wahda mill-kundizzjonijiet li gew imposti mill-Qorti Kriminali, ppreseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D. fid-Digriet li gie mghoti nhar is-27 ta’ Novembru, 2007 u li bih inghatat il-helsien mill-arrest u dana bi ksur

ta’ l-art. 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-art. 16 ta’ l-Att Nru 16 ta’ l-2006.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex is-somma ta’ 2329.37 ewro, liema somma kienet bhala Garanzija Personali, fil-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti Kriminali ppreseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D. fid-Digriet li gie mghoti nhar is-27 ta’ Novembru 2007, tigi mghoddija lill-Gvern ta’ Malta u dana kif stipulat fl-art. 579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-art. 16 (1) ta’ l-Att Nru. 16 ta’ l-2006.

Il-Qorti kienet mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika ukoll l-Art. 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond art. 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta’ Novembru 2010 (esebit a fol. 51 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2010 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar tat-18 ta’ Novembru 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq sabiex jekk jridu jergghu

lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Semghat is-sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.
\
Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kollha minnhom ammessi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew l-akkuzi fi stadju bikri tal-proceduri izda fil-kaz tal-imputat Richard sive Rakela Spiteri kkunsidrat ukoll il-fatt li huwa ghandu fedina penali pjuttost voluminuza u jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja u ghalhekk fil-kaz tieghu il-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva anki jekk fil-minimum imponibbli stante l-ammissjoni bikrija. In kwantu jirrigwarda l-imputata Rita Agius il-Qorti mhux ser timponi piena karcerarja effettiva izda biss wahda sospiza stante lli hija m'hijiex recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268(b), 269(g), 279(a), 280(1), 49, 50, 289(1) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 21,22 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat Richard sive Rakela Spiteri hati tal-akkuzi mmarkati bhal A, C u D u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija. Stante li jidher li l-akkuza mmarkata bhala B inghatat bhala alternattiva ghall-akkuza mmarkata bhala A li taghha l-imputat instab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza.

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268(b), 269(g), 279(a), 280(1), 579 u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputata Rita Agius hatja tal-akkuzi mmarkati bhala A u E u tikkundannaha tnax (12) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum

kif ukoll multa ta’ tlett mitt Ewro (€300). Stante li jidher li l-akkuza mmarkata bhala B inghatat bhala alternattiva ghall-akkuza mmarkata bhala A li taghha l-imputata instabet hatja l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-akkuza.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex jaccerta ruhu li jigu salvagwardjati d-drittijiet ta’ trasvestit in kwantu jirrigwarda l-hati Richard sive Rakela Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------